MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Numru. 861/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Josric Mifsud)**
**v**

**JOSEPH ATTARD bin Lawrence u Mary nee Gatt, imwieled fis-sebgha ta' Ottubru 1953 u residenti 5, Maria Bambina, Triq John Otto Bayer, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 57953G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH ATTARD** bin Lawrence u Mary nee Gatt, imwieled fis-sebgha ta' Ottubru 1953 u residenti 5, Maria Bambina, Triq John Otto Bayer, Xaghra,

Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 57953G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sbatax ta’ Ottubru 2006 ghal habta tad-disgha neqsin kwart ta’ filghodu fi Triq San Anard, limiti tar-Rabat, Ghawdexsaq truck bin-numru ta’ registrazzjoni JBH 993 tal-ghamla Leyland:

1. b’manjiera traskurata jew perikoluza jew minghajr kont;

2. talli naqas li jieqaf meta kienqed javvicina fuq STOP sign li hemm fl-imsemmija triq;

3. talli saq l-imsemmi truck minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan sabiex isuq dik il-kategorija ta’ vettura mahruga mill-Awtorita tat-Trasport u talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b’polza t’assikurazzjoni ghal riskji ta’ terzi persuni

4. talli kkaguna hsara nvoluntarja fuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBG 678 tal-ghamla Renault ghad-dannu ta’ Ramon Refalo mix-Xaghra Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tiskwalifika lil imputat mill-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Saviour Farrugia rappresentant tal-ADT, lil Ramon Refalo u lil Doctor G. Scicluna Bajada.

Rat l-affidavit ta’ PS 1377 Emanuel Cilia, ta’ PC 1147 Mario Camilleri u PC 461 George Scicluna.

Rat l-okkorrenzi relattivi.

Semghet lix-xhud Ramon Refalo jirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-imputat u konsegwentement il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din r-raba [4] akkuza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-erbatax ta' Novembru 2006.

Illi mill-provi prodotti l-ewwel [1] w t-tieni [2] akkuza jirrizultaw ippruvati u ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1) w it-tieni skeda tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH ATTARD hati taghhom u tikkundannah ghal multa komplessiva ta' tletin lira maltin.**

Tiddikjara li ma ssibux hati tat-tielet [3] akkuza peress li tirrizultax ppurvata w tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tat-raba [4] akkuza stante li l-allegat vittma irrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal perjodu ta' gimgha mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------